# BEATI U QADDISIN...APRIL

**11 ta' April**

**San Stanislaw, isqof**

Mwieled gewwa Szczepanow, fil-Polonja, fis-26 ta' Gunju 1030; miet fi Karkovja, fil-Polonja fil-11 ta' April, 1079. ikkanonizat mill-Papa Innocent IV fis-sena 1253.



Jan Matejko, Morte di S. Stanislao, 1892

Stanislaus twieled minn genituri nobbli li kienu bla tfal u xtaqu hafna u talbu biex ikollhom tarbija. Tellghuh religjosament tajjeb u ressquh bl-ezempju taghhom lejn Alla. Meta kiber gie ordnat sacerdot u moghti kanonkat fil-katidral.

Hafna nies kienu jersqu lejn Alla minhabba l-priedki mqanqla tieghu msahha b'ezempju tajjeb. Kemm in-nies lajci kif ukoll il-kleru kienu jfittxuh ghall-pariri. Mal-fqar kien generuz u kien il-mutur wara r-riformi religjuzi. L-isqof xtaq jirrezenja u jaghti loku lil Santilaw izda Santislaw heggu biex ma jiehux dan il-pass. Imma wara l-mewt ta' l-isqof hu kien maghzul biex jiehu postu. Il-Papa Alessandru II ikkonferna l-ghazla tieghu u Stanislaw gie kkonsagrat isqof fis-sena 1072. Baqa' bl-istess hegga, jghallem, jirriforma u benefattur generuz tal-fqar.

Jinghad li dan l-isqof miet martri meta safa maqtul mir-re Boleslav li nehhilu hajtu hu niffsu fil-katedral waqt li kien qed iqaddes is-sagrifficju tal-quddiesa. L-isqof Stanislaw safa vittma ghax ried jaqdi id-dmir tieghu ta' mexxejj ta' l-erwieh bl-aktar mod rett. Ir-re Boleslav kien hataf mara ta' wahda minn nobbli tieghu, u hadha fil-palazz tieghu. Dan kien skandlu kbir ghan-nies tal-Polonja. Minkejja li Stanislaw widdbu biex jindem, Boleslav baqa' fejn kien u l-isqof skumnikah. Ir-re ma felahx ghal din l-umilta' u sfoga l-qilla tieghu meta dahal fil-katedral u qatlu b'idejh stess wara li s-suldati li hu amar biex inehhulu hajtu qalulu li ma setghux jaghmlu dan ghax Stanislaw kien imdawwar b'dija kbira divina.